# POEŻIJI TA' ALBERT M. CASSOLA

## Ferrovija

Kont tifred l-egħlieqi,
kont taqsam ir-raba',
kont timxi biċ-ċlikki,
bin-nies imgħobbija.

Kif tasal taħt mina
issaffar tisfira
u jaqa' dlam ċappa
miksur minn dawl ċkejken
ta' xamgħa mixgħula
ftit qabel.

Kont timxi bħalkieku miġbuda
bil-ħabel
minn żwiemel għajjiena,
kont timxi bil-passi tan-nemla,
solenni u ferħana
daqs l-aqwa sultana.

Hawnhekk imbagħad tieqaf,
f'daqsxejn ta' stazzjon
bħal dar tal-kampanja,
u tieħu nifs qawwi
biex tarġa' biċ-ċlikki
tissokta fil-lanja
u tpassi 'l quddiem.

Vaguni li qishom tal-pupi,
ħelwin li ma ngħidx:
trenin ta' ċkuniti
jien bħalek ma rajtx.

Niftakar id-dħaħen
ħerġin miċ-ċumnija
tal-lokomotiva,
bħal tifel li jpejjep
biex joħroġ ta' raġel
mal-kbar!

Kont ċkejkna, kont ħelwa,
kont ħafna għal Malta
li kienet kburija
bil-ferrovija.

Illum Malta tagħna
imxiet 'il quddiem,
illum il-vetturi
u l-cars tas-sinjuri
m'humiex bħall-vaguni,
jitkaxkru bil-qajla.

Biss m'hemmx dik il-ġrajja,
spiċċat dik il-ħelwa,
m'għadx hemm poeżija
bħal fik, ferrovija.

Niftakrek u f'qalbi
inħoss nostalġija
għaż-żmien ta' tfuliti,
żmien inqas imgħaġġel
iżd'iktar simpatiku,
iżd'iżjed romantiku,
iżd'iżjed li jiena
kont nieħu gost bih,
żmien iktar mistrieħ,
żmien sbejjaħ għalija,
iż-żmien tat-tfulija
u tal-ferrovija.